MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1523/1997/1

**Pawlu Farrugia li miet fil-mori u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Dicembru 2002 gew trasfuzi l-atti ta' din il-kawza f'isem bintu Mary Farrugia**
**Vs**
**Carmelo Farrugia u martu Teresa Farrugia u binthom Julia Farrugia dawn l-ahhar tnejn ghal kull interess li jista' jkollhom fil-kawza; u Francis Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Premess illi fid-29 ta' Mejju 1997 mietet Rita Farrugia, xebba, bint il-mejtin Francesco Farrugia u Maria Callus, u li tigi oht l-attur Pawlu Farrugia;

Premess illi ftit qabel ma mietet l-imsemmija Rita Farrugia fil-waqt illi rrevokat kull testment iehor li ghamlet qabel u

ddisponiet ghal wara mewtha permezz ta’ zewg testmenti ohra t-tnejn rispettivament datati 13 ta’ Frar 1997 u 18 ta’ Marzu 1997, it-tnejn fl-Atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin;

Premess illi permezz ta’ l-ewwel testment nnominat lill-konvenuti Carmelo u Tereza Farrugia bhala werrieta universali taghha fil-waqt li lil binthom Julia hallietilha legat ta’ elfejn lira Maltija (Lm2000) mentri li bit-tieni testment halliet bhala legat lill-konvenut l-iehor Francis Farrugia, hu l-konvenut Carmel Farrugia, s-somma ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3000), (ara dokumenti mmarkati “PF1” u “PF2”) u ghalhekk eskludiet ghal kollox lill-attur;

Premess illi fost it-testmenti li gew revokati kien hemm dak tas-7 ta’ Novembru 1996 in Atti Nutar Nicola Said, (ara dokument markat “PF3”) li permezz tieghu fil-waqt li mmodifikat dak tas-26 ta’ Marzu 1996 ukoll in Atti Nutar Nicola Said (ara dokument markat “PF4”) u dan billi eskludiet ghal kollox lill-attur u halliet lill-konvenuti Carmelo u Francesco ahwa Farrugia fi kwoti ugwali bejniethom bhala eredi universali taghha;

Premess illi meta l-mejta Rita Farrugia ghamlet it-testmenti tat-13 ta’ Frar 1997 u tat-18 ta’ Marzu 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin u dak tas-7 ta’ Novembru 1996 hi ma kienetx tippossjedi l-fakultajiet mentali kollha b’mod li setghet tapprezza dak li qeghda taghmel u di piu’ l-istess kienet mhedda mill-konvenuti Carmelo u Francesco ahwa Farrugia biex tiddisponi favurihom biss u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Premess illi ghalhekk is-sudetti testmenti huma nulli u m’ghandhom ebda effett fil-ligi;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

1. tiddikjara li meta Rita Farrugia ghamlet it-testmenti tat-13 ta’ Frar 1997 u 18 ta’ Marzu 1997 kollha fl-Atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin u dak tas-7 ta’ Novembru 1996 in atti Nutar Nicola Said l-imsemmija Rita

Farrugia ma kienetx tippossjedi l-fakultajiet mentali taghha b'mod li ma setghetx tapprezza dak li qeghda taghmel u/jew kienet ghal kollox priva mill-volonta' stante theddid prattikat mill-konvenuti Francis u Carmelo Farrugia;

2. tiddikjara illi t-testmenti sudetti huma ghal kollox nulli u minghajr ebda effett fil-ligi;

bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda billi mhuwiex minnu li meta Rita Farrugia ghamlet it-testmenti tat-13 ta' Frar 1997 u 18 ta' Marzu 1997 kollha fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin u dak tas-7 ta' Novembru 1996 in atti Nutar Nicola Said l-imsemmija Rita Farrugia ma kienetx tippossjedi l-fakultajiet mentali taghha b'mod li ma setghetx tapprezza dak li qeghda taghmel u/jew kienet ghal kollox priva mill-volonta' stante theddid prattikat mill-konvenuti Francis u Carmelo ahwa Farrugia;

2. Illi ghalhekk l-imsemmija testmenti huma validi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tallum;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi qabel il-mewt taghha fid-29 ta' Mejju 1997 Rita Farrugia, li tigi oht l-attur Pawlu Farrugia u z-zija tal-konvenuti Carmelo u Francis Farrugia, ghamlet testment

in atti Nutar Nicola Said fis-7 ta' Novembru 1996, kif ukoll ghamlet zewg testmenti ohra in atti Nutar Joseph Raphael Darmanin rispettivament fit-13 ta' Frar 1997 u fit-18 ta' Marzu 1997.

Illi permezz tat-testment datat 7 ta' Novembru 1997 Rita Farrugia immodifikat it-testment taghha tas-26 ta' Marzu 1996, billi eskudiet ghal kollox lill-attur, u halliet il-konvenuti Carmelo u Francesco ahwa Farrugia eredi univerali taghha fi kwoti ndaqs bejniethom.[1]

Illi sussegwentement permezz tat-testment datat 13 ta' Frar 1997 it-testatrici Rita Farrugia, wara li hassret it-testmenti kollha precedenti taghha, halliet legat lil konvenuta Julia Farrugia, u legat lill-konvenut Francis Farrugia. Kif ukoll nnominat eredi universali taghha lill-konvenuti Carmelo u Tereza, konjugi Farrugia, "bil-kondizzjoni illi l-werrieta u jew il-familja taghhom jiehdu hsieb u kura tat-testatrici sal-gurnata tal-mewt taghha u li ma jiehduhiex f' xi dar tal-anzjani."[2] Bit-tieni testment, dak tat-18 ta' Marzu 1997 hija halliet legat lill-konvenut Francis Farrugia.[3]

Illi bis-sahha ta' dawn it-tlett testmenti l-attur Pawlu Farrugia gie eskluz ghal kollox mill-wirt ta' ohtu Rita Farrugia. Dan qed isostni li meta Rita Farrugia ghamlet dawn it-tlett testmenti hija "ma kienitx tippossjedi l-fakultajiet mentali taghha b' mod li ma setghetx tapprezza dak li qeghda taghmel u/jew kienet ghal kollox priva mill-volonta' stante theddid prattikat mill-konvenuti Francis u Carmelo, ahwa Farrugia."[4] Konsegwentement u a bazi ta' dan, huwa qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja ta' nullita' ta' dawn l-atti.

Illi biex tigi kostruwita l-personalita' guridika ta' Rita Farrugia relattivament ghall-istat mentali taghha, ma hemmx mezz iehor hlief dak ta' provi indizzjarji u cirkostanzjali, ottenibbli mix-xhieda, li fosthom hemm il-

[1] Dok.PF3 – Fols.11-12
[2] Dok.PF1 – Artikolu Tlieta – Fols.6-7
[3] Dok.PF2 – Fols.170-171
[4] Att tac-citazzjoni

kontendenti u parenti taghhom, u allura necessarjament kuntrasti u kontradizzjonijiet ma jistghux jonqsu.

Di fatti mill-provi jirrizulta li l-versjonijiet moghtija mill-kontendenti huma konfliggenti u anke dijametrikalment opposti. In sostanza in-naha attrici issostni li matul hajjitha Rita Farrugia kienet tilmenta kemm mal-attur, kif ukoll ma bintu Mary u Vivie Zammit, skonda kungina ta' Rita Farrugia, li hija kienet mhedda kontinwament mill-konvenuti Fancesco u Carmelo Farrugia, u li kienet qeda tghix f' biza kontinwa minnhom senjatament minn dak tal-ahhar. Minn naha taghhom il-konvenuti, cahdu dawn l-allegazzjonijiet u xehdu li huma kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet ta' Rita Farrugia u li din kienet thobbhom u kienet tapprezza dak li kienu qed jghamlu maghha. B' hekk wasslet biex fl-ahhar testment innominat lill-Carmelo u lil martu Tereza unici eredi universali taghha bil-kondizzjoni li dawn jibqghu jiehdu hsiebha sal-gurnata tal-mewt taghha, u ma tigi rikoverata f' dar tal-anzjani.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
*Osservazzjonijiet guridici*
Illi in tema legali huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici.

A. "Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwak tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"[5]

Jigu osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.[6] Huwa l-

[5] *Prim.Awla [MCC]* ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia*** – 24.11.1966
[6] *App.Inf.****Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – 22 ta' Novembru 2002

attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[7] Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.

B. Illi fir-rigward ta' impunjazzjoni ta' testmenti, il-Qorti taghamel referenza ghall-kazistika estensiva kwotata mill-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, li mhux ser tipproduci a skans ta' ripetizzjoni. Izda ser tillimita ruhha li tenunzja l-principji applikabbli u li huma assodati fil-gurisprudenza lokali u li ghandhom jiggvernaw il-vertenza in disamina, u li jinsabu migbura fil-kawza App.Civ. Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak [1938].[8]

1. Illi f' materja ta' testmenti, u precisament il-kapacita' mentali tat-testatur li jaghmel testment, ghandu jipprevali l-principju li l-kapacita' hija prezunta filwaqt li l-inkapacita' li hija l-eccezzjoni ghandha tigi pprovata. Kull persuna fin-normalita' ghandha tigi prezunta of sound mind u li tippossjedi l-fakoltajiet mentali ta' persuna ordinarja, u ghalhekk ghandu jigi prezunt kapaci. L-insanita' mentali hija l-eccezzjoni u ghalhekk ghandha tigi provata. "Il-kapacita' li wiehed jaghmel testment hija r-regola, u l-inkapacita' hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-prezunzjoni juris tantum hi li min ikun ghamel testment huwa kapaci biex jiddisponi minn beni tieghu; salva prova kuntrarja."

2. Illi l-rekwizit tal-kapacita' mentali biex wiehed jiddisponi b' testment, ma jirrikjedix "una mente prefettament e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cioe' che si fa…….. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria ondesia capace di determinazione e di volonta' ragionata, e sappia

---

[7] *App.Civ.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace****[1986] Vol.LXX.II.144*

[8] 20 ta' Gunju 1938 – Vol.XXXA.I.176 – Vide dottrina u kazistika, lokali u estera, hemm citata

che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose …”.

“Huma nkapaci li jaghmlu testment dawk illi, fi zmien it-testment ma jkunux f’ sensihom [of sound mind]; u ghalhekk min ikun qieghed jimpunja t-testment ikollu bzonn li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma kienx kapaci”

3. Il-prova tal-inkapacita’ tispetta lil min jallegaha fuq l-istregwa tal-principju fuq citat. Din il-prova trid tkun cara, univoka u konklusiva. “La prova deve essere piena e rigorosa talmente di accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne’ volonta propriea”.

“Biex tigi stabbilita l-insanita’ mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizzji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet …….. i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono piu’ possibilie quegli esperimenti medico legali..”

Fattur determinanti sabiex tigi stabbilita’ s-sanita’ mentali tat-testatur hija r-ragjonevolezza tad-dispsozizzjonijiet li jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-ezami tal-fatt jekk it-testment “e cosi’ fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza” u jekk “l’ atto porta I caratteri della saggezza”

Ghandhom ukoll relevanza qawwija id-deposizzjonijiet ta’ nies professjonali, bhat tabib kuranti tat-testatrici u n-Nutar li kkonfezzjona t-testement, dwar l-istat u l-komportament tat-testatrici fiz-zmien relevanti. “ Sebbene non costituire l’asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da se, la prova della capacita’ mentale del testatore, tuttavia le constatazioni del notaro ottenuto all’ oggetto di accertarsi della capacita’ a testare del disponente <u>forniscono u importante elemento di prova</u>

che, unito ad altri, puo condurre ad un esatto giudizio sul problema da risolvere..”

**Osservazzjonijiet fil-mertu**

Illi fil-mertu jigi osservat li fil-kaz odjern l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw li fil-hin li saru t-testmenti t-testatrici Rita Farrugia kienet affetta minn inkapacita’ mentali li kienet timpediha legalment milli taghmel testment. Ghall-kuntrarju l-provi juru b’ mod manifest li hija kienet mentalment stabbli, kienet pienament konxja ta’ dak li kienet qed taghmel u ta’ dak li riedet taghmel, kellha l-volonta’ li tesegwixxi dak li verament riedet li jsir u kienet libera li taghmel hekk. Dan jirrizulta b’ mod car u manifest minn diversi xhieda estranei ghal kaz u mhux parentati mal-kontendenti, u senjatament it-tabib Dr.Raymond Sciberras, ix-xhieda Carmelo u Giuseppa konjugi Grixti u n-Nutar Joseph Darmanin. Kif ukoll mill-gar taghha Catherine Borg u mill-fisjoterapista Pierre Borg.

Fix-xhieda tieghu l-imsemmi Dr.Raymond Sciberras spjega li huwa kien t-tabib kuranti ta’ Rita Farrugia u kien ilu jafha ghal aktar minn ghoxrin sena. Huwa kkonferma li hija kienet fi stat normali u qatt ma falliet fir-ragunar taghha; kif ukoll li f’ Mejju tas-sena 1997 hija kienet fl-istat li dejjem kienet. Qal ukoll li qatt ma kienet uriet xi biza mill-konvenuti Farrugia.[9]

In-Nutar Darmanin fix-xhieda tieghu kkonferma li fil-mument tat-testmenti t-testatrici kienet tidher normali u kellha memorja tajba hafna. Qal wkoll li t-testmenti ma kienux ippreparati minn qabel, izda kienu gew redatti quddiem it-testatrici u skond l-istruzzjonijiet moghtija minnha dak il-hin. Ikkonferma li waqt li kien qed isir it-testment kienet kelmitu hi u spjegatlu hi x’xriedet. Huwa cahad f’ termini assoluti is-suggeriment li dina deheret imbezza’ u kkonferma li kienet soda fir-rieda taghha.[10]

---

[9] Fols.173-178
[10] Fols.179-188

Anke il-fisjoteraplista Pierre Borg[11] ikkonferma fix-xhieda tieghu li Rita Farrugia ma kienitx tidher imbezz. Minn naha taghha Catherine Borg, nurse li kienet marret tghinha fl-ahhar tlett gimghat, ikkonfermat li milli kkonstat hi Rita Farrugia kellha memorja tajba, u fil-konfront tal-konvenuti Carmelo u Tessie Farrugia, qalet " [Rita Farrugia] dejjem kienet tgidli 'imnalla sibt lilhom'.[12]

Xhieda ohra li fil-fehma tal-Qorti tkompli ddghajjef il-kaz tal-atturi hija dik ta' Giuseppa Grixti u tar-ragel taghha Carmelo, girien ta' Rita Farrugia li gew imsejjha minnha biex joqghodu bhala xhieda ghall-ahhar testment. Fl-affidavit taghha Giuseppa Grixti spjegat li hija ghanda 70 sena u kienet ilha taf lil Rita Farrugia minn mindu twieldet. Hija kkonfermat li "kellha mohha tajjeb hafna u baqa' tajjeb hafna sakemm mietet ….. ma kienet thalli lil hadd jinfluwenzaha u kif kienet tghid hi kienet taghmel". Ikkonferma li fil-hin tat-testment kienet "f'sikkitha u mohha kien car. Hi biss tkellmet u bdiet tghid lin-Nutar x'ghandu jinizzel ……Kienet fuq taghha, dehret bhas-soltu u ma kienitx tidher imbezza'.[13]

Illi tenut kont tal-premess, u mill-kumpless tal-provi kollha l-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi. Ma rnexxielhomx jipprovaw sodisfacentement la li Rita Farrugia kienet mheddha, u lanqas li meta ghamlet it-testmenti fuq indikati hija ma kienietx fil-pussess tal-fakoltajiet mentali taghha b' mod li ma setghetx tapprezza dak li kienet qeda taghmel. Ma provawx li fiz-zmien li ghamlet it-testment hija ma kienitx mentalment kapaci jew subordinatament li hija minhabba volonta' debboli cediet ghall-pressjoni ta' haddiehor. Anzi, jigi osservat li <u>l-preponderanza tal-provi affidabbli juru l-kuntrarju</u>.

In fine, rigward l-allegazzjoni attrici, ta' theddid kontinwu u biza, il-Qorti tosserva li d-dispozizzjoni testamentarja fuq indikata timmilita kontra din it-tesi. Min jkun mhedded, b' mod li non agit ser agitur, ma jaghmilx kondizzjoni ghax

---

[11] Fol.189-199
[12] Fol.200-210
[13] Fol-166

ma jkunx fil-posizzjoni li jaghmel hekk. Il-volonta' tieghu tkun oppressa u mahkuma mill-biza' li telimina fil-vittima id-determinazzjoni li taghmel dak li trid jew li tixtieq.

Fil-kaz in disamina rrizulta car li n-nomina tal-konvenuti Carmelo u Teresa Farrugia bhala eredi universali kienet abbinata mal-kundizzjoni li dawna jiehdu hsieb it-testatrici sal-gurnata tal-mewt taghha. Deposizzjoni din li ghandha element remunerattiv jew kumpnesatorju, u li turi li t-testatrici kienet taf x'qeda taghmel u xi trid. Inoltre, il-provi juru li, ghalkemm mhux eskluz li l-attrici Mary Farrugia, kienet ghal xi zmien jew f' xi okkazzjonijiet ghenet lil Rita Farrugia, il-konvenuti konjugi Farrugia qabel il-mewt tat-testatrici, kienu daru biha skond kif stipulat fit-testement. Tant hu hekk li t-testatrici lil Catherine Borg, xhud estranea u disinteressata, kienet rrimarkat maghha fuq Carmelo u Teresa Farrugia, b' mod posittiv. "Dejjem kienet tghidli, 'imnalla sibt lilhom'"[14]

Illi il-premessi konsiderazzjonijiet jeskludu l-allegazzjonijiet tal-atturi li Rita Farrugia kienet mhedda u li t-testmenti fuq indikati kienu vizzjata minhabba inkapacita' mentali da parti tat-testatrici. Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi mhumiex gustifikati u ghandhom jigu michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[14] Supra